MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1592/2005/1

**Maria Francesca Spiteri**

**vs**

**Fiona Sammut**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Lulju, 2005 fejn l-attrici stqarret illi kienet sofriet danni b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fir-ring road ta' l-Universita` fl-Imsida fis-7 ta' Frar 2005 bejn il-vettura Fiat 127 bin-numru ta' registrazzjoni GAM – 985 misjuqa mill-attrici u l-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni IBI

– 056 misjuqa mill-konvenuta, ghal liema incident hija unikament responsabbli l-konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittri legali tat-28 ta’ Marzu 2005 u tad-19 ta’ Mejju 2005, u bl-imghax skond il-Ligi.

Ra r-Risposta tal-konvenuta illi permezz taghha ecceppiet illi l-allegazzjonijiet ta’ l-attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-allegat incident gara tort esklussivament tal-attrici Francesca Spiteri u dan kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-Ligi u l-attrici hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra il-kontro-talba tal-konvenuta illi talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallasha s-somma ta’ tmien mija u hamsa u tletin Liri Maltin u hames centezmi (Lm835.05) rapprezentanti danni li soffriet rizultat ta’ l-istess incident stradali li sar referenza ghalih fl-Avviz promotur, u dan stante illi l-istess incident sehh tort unikament u ghalih kienet unikament responsabbli l-attrici rikonvenzjonata;

Ra r-risposta tal-attrici rikonvenzjonata tas-27 ta’ Settembru 2005 fejn ecceppiet illi t-talbiet tal-konvenuta kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-incident de quo ma sehhx tort taghha, bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi;

Sema’ x-xhieda kollha prodotti mill-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti mill-partijiet;

Sema` t-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet maghmula fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2006 u ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi din il-kawza titratta incident stradali li sehh fuq ir-ring road ta' l-Universita` ta' Malta bejn zewg vetturi u z-zewg partijiet qeghdin jichdu responsabbilita` ta' l-incident, jattribwixxu t-tort kollu lill-parti l-ohra u jitolbu it-tnejn illi t-Tribunal jikkundanna lill-parti l-ohra thallas id-danni sofferti rispettivament.

Illi mix-xhieda ta' Warden 265, Mark Aquilina,[1] jirrizulta illi l-incident sehh ghal habta tas-6.15p.m. bejn iz-zewg kontendenti. Dan ix-xhud ikkonferma l-isketch minnu maghmul u kkonferma ukoll, ghalkemm mhux indikati fuq l-isketch, illi fejn hemm immarkat fuq l-isketch l-ittra "a" – hemmhekk kien hemm vetturi ipparkjati – u ma kienx in effetti cert ghal kollox kienx hemm vetturi ukoll ipparkjati fejn hemm indikat "f".

Il-Warden ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-vettura A fuq l-isketch, allura dik bin-numru IBI – 056 misjuqa mill-konvenuta, kienet ghaddejja wrong way. Ikkonferma ukoll pero` illi dak iz-zmien ta' l-incident kien hemm xi barriers fuq ir-ring-road minhabba xi xogholijiet li kienu qed isiru.

It-Tribunal pero` jinnota illi l-Warden ma specifikax jekk tali barriers kienux qeghdin jaghlqu toroq jew b'xi mod jimpedixxu flow of traffic fuq ir-ring road.

In kwantu ghal kwantum tad-danni riklamati mill-attrici, xehed b'affidavit Tony Balzan[2] illi ikkonferma l-ircevuta annessa ma' l-istess affidavit u li huwa kien thallas is-somma ta' Lm210 ghax-xogholijiet minnu pprestati fuq il-vettura tal-attrici.

Il-konvenuta Fiona Sammut[3] xehdet illi hija kienet ipparkjata f'parking area fl-Universita` u harrget ghal fuq ir-ring road "mill-unika triq li hemm available". Hi tghid illi appena giet biex tohrog fuq

[1] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2005 – fol 22 et seq
[2] Fol 32
[3] Seduta tal-5 ta' April 2006 – Fol 36

ir-ring road hija sabet tabella bil-vlegga (u mhux barrier!!)[4] illi kienet tindika illi kellha tikser wrong way. Tghid illi t-tabelli saru dak in-nhar stess. Tistqarr illi hija ghamlet bhal haddiehor u bhala kien hemm vetturi ohra, sew quddiemha u sew warajha u kienet ghaddejja bl-ispeed permess fuq ir-ring road.

Il-konvenuta tghid illi l-attrici harrget mill-parking area vicin ir-residenza (farmhouse) tar-Rettur tal-Universita` ghal fuq ir-ring road, u tghid illi innutat lill-attrici hierga minghajr ma thares fuq il-lemin u lanqas fuq ix-xellug. Tghid illi kien dlam u l-vettura taghha kellha d-dwal mixghulin. Di piu` tghid illi tant l-attrici harget dritt fuqha illi lanqas tatha cans illi tpaqpaq.

It-Tribunal ha konjizzjoni tal-ittra tat-18 ta’ Marzu 2005[5] iffirmata minn Joe Camilleri, Acting Precincts Officer ta’ l-Universita` ta’ Malta, li tindika illi fis-7 ta’ Frar 2005 kien hemm il-htiega illi jsiru xogholijiet fuq ir-ring road mill-Korporazzjoni Enemalta vicin it-tennis courts u li l-EneMalta stess kienet responsabbli ghat-traffic management tal-area in kwistjoni.

Joseph Camilleri[6] ikkonferma bil-gurament tieghu l-istess ittra u l-kontenut taghha u spjega illi x-xogholijiet kienu qed isiru fil-vicinanzi tat-tennis courts, igifieri in-naha tal-entratrura l-gdida, n-naha ta’ Regional Road.

Ix-xhud ikkonferma illi l-gate tan-naha ta’ l-Isports Complex tkun ghada miftuha fil-hin ta’ l-incident u qal illi safejn jaf hu, anke bix-xogholijiet li kienu qed isiru, “ma kienx hemm mument meta t-triq kienet maghluqa”. Ikkonferma illi “ma kienx hemm struzzjonijiet illi f’xi hin it-triq tinghalaq”.

---

[4] Osservazzjoni din tat-Tribunal b’referenza ghal dak li xehed il-Warden
[5] Fol 39
[6] Seduta tal-4 ta’ Ottubru 2006 – Fol 49

Mistqosi jekk biex isiru ix-xogholijiet ta' l-EneMalta, kienx necessarju illi t-triq tinghalaq, ix-xhud Camilleri ighid illi "mhux bilfors, ir-ring road hija wiesa` bizzejjed u tippermetti illi jsiru dawn it-tip ta' xogholijiet u traffiku jghaddi xorta".

Meta gie suggerit lill-istess xhud, Precincts Officer, (anke jekk fiz-zmien l-incident jidher illi kien acting), jekk kienx hemm tabella fejn hemm SPOT SEWDA fuq l-isketch[7], ix-xhud ighid illi ma jiftakarx illi kien hemm tabelli, imma mbaghad ighid illi ma jistghax jghid peress illi dak in-nhar ta' l-incident inserta ma' kienx xoghol.

Permezz ta' affidavit xehdet ukoll Dorianne Cacciattolo[8], haddiema ta' l-Universita` u oht il-konvenuta illi kienet passiggiera maghha dak in-nhar ta' l-incident. Hija kkonfermat illi meta ohtha harrget mill-parking kellha bilfors tghaddi wrong way minhabba xogholijiet li kienu qed isiru.

It-Tribunal josserva illi din ix-xhud ma tghid imkien illi kien hemm tabbelli u/jew barriers li kienu jindikaw illi ohtha kellha bilfors taghmel din il-manuvra.

Il-konvenuta esebiet ukoll numru ta' ricevuti mmarkati DOK DC1 li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' Lm835.05 riklamata mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi din il-kawza tikkoncerna incident stradali fejn wahda mill-partijiet, f'dan il-kaz il-konvenuta, kienet ghaddejja mir-ring road ta' l-Universita`, liema ring road hija one way, imma kontra d-direzzoni tat-traffiku, ossia wrong way. It-Tribunal irid jistqarr mill-ewwel illi dan il-fatt wahdu ma

[7] DOK JC 1 – Fol 52
[8] DOK DC – Fol 41

ghandux iwassal biex titpogga ir-responsabbilita` shiha fuq il-konvenuta, u hemm sentenzi tal-Qrati taghna illi qalu illi li sewwieq ikun ghaddej wrong way ma jfissirx, dak wahdu, illi ghandu jinzamm unikament responsabbli f'kaz ta' kollizzjoni.

Il-konvenuta qed tikkontendi illi hija ma kelliex alternattiva peress illi meta hija harrget minn parking area, fejn hemm 'SPOT SEWDA' fuq DOK JC 1 kien hemm tabella li kienet tindika li kellha tghaddi kontra l-kurrent tat-traffiku minhabba xi xogholijiet li kienet qed isiru appuntu fuq ir-ring road.

It-Tribunal jirrizultalu illi x-xogholijiet veru kienu qed isiru u ma ghandux dubbju minn dan il-fatt. Izda jhoss illi l-konvenuta naqqset milli tipprova, anke fuq livell ta' probabbilita`, illi kien hemm tabella kif tallega hi u li fuq kollox ma kelliex alternattivi ghajr illi timmanuvra l-vettura taghha kif fil-fatt ghamlet hi kontra l-kurrent tat-traffiku ghall-kwazi nofs it-tul tar-ring road ta' l-Universita`, fid-dlam u fil-kundizzjonijiet kollha li jirrizultaw.

It-Tribunal ihoss konfort f'dan illi qed jikkonkludi fil-paragrafu precedenti kemm bid-deposizzjoni ta' oht l-istess konvenuta, Dorianne Cacciattolo, meta kif gja esprima t-Tribunal aktar il-fuq, hija ma semmiet xejn dwar tabbelli, u ukoll mix-xhiedha ta' Joseph Camilleri, Precincts Officer ta' l-Universita`, u partikolarment meta qal illi bix-xogholijiet li kienu qed isiru, vetturi xorta setghu ighaddu u ma kellhomx ghalfejn ighaddu wrong way.

Di piu` irid jinghad ukoll illi kif jirrizulta mir-rapport tal-Warden,[9] fil-verzjoni moghtija mill-konvenuta dak il-hin stess tal-incident mkien ma ssemmi tabelli u tghid biss illi "sibt it-triq maghluqa u kelli nghaddi one way …. ". It-Tribunal, mill-assjem tal-

[9] DOK H – Fol 2

provi kollha prodotti, ma jeskludix illi l-konvenuta kellha aktar milli xejn impressjoni illi t-triq kienet maghulqa, peress illi kienet taf bix-xogholijiet, impressjoni li wasslitha biex tghaddi wrong way.

Invece, l-istqarrija maghmula mill-attrici kienet tghid illi waqqfet fuq l-istop sign u harset lejn il-lemin taghha (naturlament ghax minn dik in-naha li kienet qed tistenna t-traffiku gej !!) u sabet il-vettura tal-konvenuta ma' wiccha.

Inoltre`, kif irrimarka d-difensur tal-attrici fit-trattazzjoni, l-ghaqal ta' sewwieq illi jaf illi ghaddej wrong way - ghax hekk sfurzat u ghax ma kellux alternattiva tirrikjedi sewqan hafna aktar prudenti – u l-fatt illi l-entratura ta' l-Universita` minn naha tal-Gzira tkun dak il-hin ghada miftuha, kien ikun ferm aktar ghaqli da parti tal-konvenuta illi meta wasslet vicin appuntu t-triq li taghti ghall-isports complex u sussegwentament ghall-gate l-gdida ta' l-Universita` in-naha tal-Gzira, hija tghaddi proprju minn hemmek. Haga illi l-konvenuta ma ghamlitx u ghogobha tibqa` ssuq kontra l-kurrent tat-traffiku anke jekk allura kellha u mhux ma kelliex alternattiva, almenu minn dik il-parti fejn hemm it-triq fid-direzzjoni ta' l-isports complex il-quddiem. Kien in effetti aktar il-quddiem fejn imbaghad sehh l-incident.

Tenut kont dawn ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal ihoss illi l-incident de quo sehh tort unikament tal-konvenuta, anke jekk stranament f'dawn il-proceduri l-attrici baqghet qatt ma ddepponiet. Mill-provi kollha prodotti pero`, it-Tribunal ihoss illi l-incident sehh tort unikament tal-konvenuta illi bis-sewqan traskurat taghha, b'imperizja u fuq kollox b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hija kkawzat l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-pendenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi ha konjizzjoni

> tal-provi u d-dokumenti kollha prodotti f'dan il-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba tal-konvenuta u jichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuta, jiddikjara lill-istess konvenuta unikament responsabbli ghall-incident de quo ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar Liri Maltin (LM210), bl-imghax mill-llum u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuta."

Il-konvenuta talbet ir-revoka ta' din is-sentenza bic-censura li hi taghmel lit-Tribunal tal-valutazzjoni minnu tar-rizultanzi istruttorji.  Hi tippretendi fuq ir-rikostruzzjoni taghha ta' dawn l-istess rizultanzi illi r-ragonament maghmul fis-sentenza hu inkongruwu u jiddifetta wkoll minn konsiderazzjoni tad-dritt ekwitattiv, dwar liema tinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380;

Jibda biex jigi puntwalizzat illi din il-Qorti, f' aktar minn okkazjoni wahda, issoffermat fuq il-kuncett ta' l-ekwita` u ma jidherx li hemm il-htiega li toqghod hawn terga' tirriproduci l-konsiderazzjonijiet minnha zvolti fuq it-tematika.  Fundamentalment, il-gudizzju skond l-ekwita`, ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu imsemmi, ifisser li l-Gudikatur hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji guridici.  Hu anzi, fakoltizzat li jirrikorri ghal kriterji u l-principji tal-prudenza u ta' dik l-opportunita` li fil-kuxjenza tieghu jidhru izjed ekwi;

Dan premess, meta wiehed jifli akkuratament il-kontenut tar-rikors ta' l-appell ghandu jirrizulta illi l-appellanti minn imkien ma tispjega f' hiex tikkonsisti l-lezjoni tad-dritt ekwitattiv.  Pjuttost, il-kontestazzjoni taghha hi diretta kontra d-diskrezzjonalita` fl-apprezzament tal-provi maghmula mit-Tribunal. Hi, difatti, tillimita ruhha biex tattakka l-mod kif it-Tribunal, fuq il-valutazzjoni tal-provi u dik tal-formazzjoni tal-konvinciment, irrizolva l-

kontraversja li kellu quddiemu dwar min miz-zewg konducenti kien fi htija ghal kollizjoni;

L-appellanti taghmel dan billi tikkontrapponi ghal dik l-istess valutazzjoni tat-Tribunal l-evalwazzjoni personali taghha tal-provi. In sintesi, hi tissottometti li n-necessita` li ssuq *wrong way* kien dettat mill-fatt li fir-*ring road* ta' l-Universita` kienu qed isiru xi xoghlijiet u kien hemm ukoll sinjal li jindikalha liema direzzjoni kellha ssegwi. L-appellanti ma tillimitax ruhha ghal din is-sottomessjoni izda tissokta tipproponi illi kienet il-kondotta negligenti fis-sewqan da parti ta' l-attrici appellata li tat lok ghad-dannu, jew, ghallanqas, ikkontribwit ghalih;

Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirreproduci l-fatti sostanzjali tal-kaz anke ghaliex dawn jinsabu sew imtennija fis-sentenza appellata. Tghaddi, invece, biex taghmel ir-riflessjonijiet segwenti:-

(1) Il-prova tal-htija ghandha b' oggett l-ezistenza ta' fatt idoneju biex jghaqqad in-*nexus* kawzali bejn il-kondotta fis-sewqan u d-dannu. Din ir-rikostruzzjoni hi konfortata u sostenuta minn gurisprudenza pacifika li ssostni li "*perche possa una persuna ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l' indennizzo riesca a provare non solo l' atto o la omissione colposa del denunciato, ma attresi che l' atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregudizio sofferto dall' istante.*" Ara "**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar 1928 u "**Josephine Vassallo -vs- Joseph Galea**", Appell Civili, 17 ta' Novembru 1952;

(2) Mill-valutazzjoni tal-provi t-Tribunal individwa komportament kolpuz esklussiv fl-appellanti u li, fil-fattispeci, id-dannu li sehh hu prezentat bhala l-konsegwenza immedjata diretta ta' dan l-istess komportament kolpuz fis-sewqan taghha. Din il-Qorti tikkondividi din l-istess valutazzjoni u tikkonferma wkoll illi d-dannu hu imputabbli lill-appellanti in forza tal-kriterju

oggetiv derivanti mill-kwadru tal-provi, hekk krejattiv ta' dak ir-*nexus* bejn il-mod errat u negligenti tas-sewqan taghha u l-event dannuz;

(3) L-appellanti tista' tiobbjetta li hi kienet rinfaccjata bis-sitwazzjoni tax-xoghlijiet li kienu qed isiru fit-triq u anke in vista ta' l-indikazzjoni tas-sinjal, kien ghalhekk li htiegilha tmur *wrong way*. Apparti li mhux assodat mill-provi jekk tabilhaqq kienx hemm dak is-sinjal u jekk ukoll, it-triq kienetx ghal kollox ostakolata mix-xoghlijiet, ankorke l-appellanti ma kellhiex ghazla hlief li ssuq *wrong way,* il-prudenza u l-previggenza ordinarja kienu certament jiddettawlha li tadopera dawk l-akkorgimenti necessarji li l-kontingenzi tal-kaz kienu jissuggerixxu biex jigi evitat is-sinistru. Il-fatt li, kif mistqarr minnha, hi segwiet dak li ghamlu sewwieqa ta' vetturi ohra ma jiskansahiex mir-responsabilita` fis-sewqan taghha jekk kien dan li wassal ghall-iskontru. Anzi jkollu jinghad illi dak is-sinjal, anke jekk kien hemm, jitlef l-importanza tieghu meta jinstab, kif hekk inhu l-kaz, li l-event dannuz hu l-konsegwenza ta' l-imgieba imprudenti fis-sewqan ta' l-appellanti;

(4) Huwa inutili, imbaghad, li l-appellanti tittanta taddossa xi htija fuq l-appellata. Ibda biex, ma tezisti ebda presunzjoni fil-ligi taghna ta' xi egwal konkors ta' responsabilita` tal-konducenti l-ohra fil-produzzjoni tad-dannu. Kollox jiddependi mill-fattispeci specjali ta' kull incident. F' dan il-kaz jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' l-attrici, kif traskritta fit-Traffic Accident Report (fol. 2) illi meta harget wara l-i*stop sign* giet immedjatament konfrontata mill-vettura ta' l-appellanti li kienet qed tinsaq kontra l-*one way*. F' dan, il-Qorti ma tirravviza ebda kontribuzzjoni konkorrevoli da parti ta' l-appellata ghal habta li sehhet, anke ghaliex l-emergenza subitaneja giet krejata mill-appellanti u mhux minnha;

(5) Ftit li xejn baqa' x' jizdied ma' l-osservazzjonijiet hawn maghmula u, fic-cirkustanzi, il-Qorti hi indotta li tikkondividi l-konkluzjoni tat-Tribunal illi n-negligenza ta' l-appellanti kienet deciziva ghall-kollizjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------